Minuti tal-laqgħa numru tlieta (3), tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 7 ta' Awwissu, 2024 fis-6.35pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Sa Charmaine Balzan | Kunsillier |
| | Sa Graziella Brincat | Kunsillier |
| | Sur Terence Sant | Kunsillier |
| | Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużat: | Sur Norbert Grech | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| 03.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Qabel il-laqgħa il-Kunsill iltaqa' mal-organizzaturi tar-*Rabat Grand Prix* filwaqt li s-Sindku qal li s-Sur Norbert Grech ma setgħax ikun magħna għax jinsab barra minn pajjiżna. Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm. | Apoloġiji u presedenza |
| 03.02 | **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta preċedenti**<br>Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati unanimament u ffirmati wara li sarulhom xi korrezzjonijiet kif jidhru fuq il-kopja oriġinali qabel din il-laqgħa mill-kunsillieri u wara li kienu proposti mis-Sur Paul Grech u ssekondati mis-Sur Terrence Sant. | Minuti |
| 03.03 | **Knis ta' toroq urbani**<br>Is-SE spjega illi l-kuntratt eżistenti għalaq. Lill-A83 Ltd tajnih estenzjoni sal-aħħar ta' Awwissu 2024. Is-Sur Rudolph Grima qal illi f'daqqa waħda reġa' hawn il-ħmieġ fir-Rabat filwaqt li s-Sur Nazju Cassar ippreżenta skeda tal-knis kif għandha toħroġ fil-kuntratt il-ġdid (b'sitt kenniesa) sakemm mhux se niddeċiedu li s-servizz jagħtuhulna mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus informa lill-kunsillieri 'lli matul il-jiem li għaddew ħsilna l-Pjazza tal-Parroċċa, Pjazza San Katald, Triq Santu Wistin u Triq San Pawl. Is-Sur Terence Sant talab li jitwaħħlu *dog bins* fi Triq Għar Barka, Triq Għeriexem u s-Saqqajja. Issemmiet mis-Sa Charmaine Balzan il-ħtieġa li titwaħħal makna tal-BCRS ġewwa l-Baħrija filwaqt li bħala konklużjoni is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-appuntament li qed nistenew mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika hu mistenni li jsir il-ġimgħa d-dieħla għax kien ġie pospost kemm-il darba. | Knis ta' toroq |
| 03.04 | **Jum ir-Rabat 2024** | Ġieħ ir-Rabat 2024 |

| | | |
|---|---|---|
| | Kien deċiż li jiġi magħżul l-orħos offerent tal-kiri tas-siġġijiet u tas-sound u d-dwal minn fuq l-iskeda tal-ordni tax-xogħlijiet u xiri numru 79 li kienet approvata b'vot unanimu. Kien deċiż illi jiġi magħżul l-orħos offerent tal-catering iżda biss bi tliet *waiters* u mhux kif qed jipproponu xi wħud minnhom. Kien deċiż illi Ġieħ ir-Rabat jingħata lil Fr Gerald Bonello MSSP u kemm-il darba dan ikun imsiefer, jingħata lis-Sur Reno Bugeja (ġurnalist). Kienu msemmija wkoll is-Sinjuri Carmel Busuttil li lagħab għar-Rabat diversi partiti tal-futbol u lil Toni Micallef (tal-Bank tad-Demm).<br><br>Se jingħataw premju ta' rikonoxximent lil qraba tas-Sa Leanne Schembri (illum nieqsa) li kienet scout leader u lis-Sur Isom Borg li hu sportiv u li għadu kemm ħareġ mill-Isptar. | |
| 03.05 | **Il-Migrazzjoni tal-Kunsill għal 8, Triq l-Isptar**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi għad fadal xi xogħol xi jsir fil-post 8 Triq l-Isptar f'dan li jirrigwardja l-*commissioning* tal-*lift*, l-għamara li intagħżlet il-bieraħ mingħand il-Luxonas li se tkun koperta bit-tender tal-istess binja peress li dan kien ħareġ bl-għamara b'kollox. Għad fadal is-CCTV's u l-PABX u t-telefon sets x'jiġu installati. | Muniċipju |
| 03.06 | **Viżita f'Solarino u fil-Bulgrija (Cerv)**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq l-istedina li sartilna mis-Sindku ta' Solarino is-Sur Giuseppe Germano biex nitilgħu fi żmien il-festa u biex nibdew ġemellaġġ magħhom. Għaldaqstant kemm hu kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv fi tmiem il-ġimgħa kienu ġewwa Solarino filwaqt li dawn se jirreċiprokaw il-viżita billi jiġu hawn Malta nhar l-20, 21 u 22 ta' Settembru 2024 bil-possibilità li jsir dan il-ġemellaġġ u wara li nitkellmu mal-kumitat tal-festa ta' San Pawl. Hu propju San Pawl li jgħaqqad liż-żewġ irħula. Dwar il-programm CERV l-Ispjanjoli qatgħu it-ticket tal-ajru u dawk tal-lukanda tas-SE filwaqt li l-programm isegwi billi f'Diċembru, 2024 huma jiġu Malta. | Solarino u l-Bulgarija |
| 03.06 | **Inċident b'vettura fuq bollards fi Triq G A Bonelli**<br>Ma kienx diskuss. | Inċident |
| 03.07 | **Talba mil-Parroċċa ta' San Pawl għal Rinovar tal-'maħzen tas-siġġijiet'**<br>Din it-talba intlaqgħet mil-KLR unanimament biex ikun finanzjat mil-Fond għall-Iżvilupp tal-Awtorità tal-Ippjanar (ex Urban Improvement Fund) stante illi l-KLR kien diġa' approva finanzjament simili għar-restawr tal-Knisja tal-Kunċizzjoni u dak tal-Kappella ta' Duna. | Maħżen tas-siġġijiet |
| 03.08 | **Approvazzjoni tal-ħruġ ta' Tender tal-Latrina tal-Baħrija (Stima ta' €56,143.16)**<br>Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar ix-xogħlijiet tal-iskema tal-latrini awtomatiċi li se tkun implimentata fil-Baħrija. S'issa inqala' l-madum, saret ir-rampa u twessgħu il-bibien. Ma kienx deċiż li toħroġ it-tender u l-kuntratt se jinqasam biċċiet u se jinġiebu tliet stimi. Se jsir ix-xogħol tat-twessiegħ tal-bibien, tar-rampa u l-plumbing biex imbgħad isir il-madum. | Latrina Awtomatika fil-Baħrija |
| 03.09 | **Skeda tal-Pagamenti (361) u dik tax-xiri u servizzi (79)**<br>L-iskeda tal-pagamenti numru 361 kif ukoll dik tax-xiri u s-servizzi kienu approvati b'vot unanimu. | SOP361 u skeda 79 |
| 03.10 | **Data u ħin tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li jmiss**<br>Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-18.9.24 fis-6.00pm filwaqt li din il-laqgħa intemmet fid-20.45pm. | Aġġornament |

| | | |
|---|---|---|
| 03.11.01 | **Punti Oħra**<br>Issemmiet il-barriera tat-Tlata f'Santa Katerina u kif din għandha diġà diversi *enforecement notices* u l-Awtorità tal-Ippjanar mhix tinforza dan kollu bir-riżultat illi din il-barriera issa saret muntanja terrapien. Kien hemm diversi proposti: bħall-petizzjoni (on-line), inqabbdu avukat, nitolbu kopja tal-permess, niltaqgħu mal-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar u saħansitra nikbtu kontra dan kollu. Dawn kollha jistgħu isiru. | Barriera tat-Tlata |
| 03.11.02 | Kien hemm diskussjoni dwar Triq Gorg Borg Olivier. Dwar din is-sitwazzjoni tkellmu bosta kunsillieri u kien deċiż illi niltaqgħu ma' *Transport Malta* anke saħansitra dwar il-bżonn ta' klarifika fuq it-tabelli preżenti li ma jħallux vetturi goffi jgħaddu. Dan għaliex is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li l-*wording* fuq it-tabelli qed jipperplessa lill-pulizija u mhux joħorġu ċitazzjonijiet. Hemm min qal illi anke *'for residents only'* għandha saħansitra titneħħa minn fuq it-tabella. Intant is-Sur Rudolph Grima qal li se jagħmel mozzjoni dwar Triq Gorg Borg Olivier għaliex hemm ħafna nies li qed jagħmlulu il-ħsara fuq is-mezzi soċjali filwaqt li s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li mhux se nħallu lil min jintimida lill-kunsillieri fid-doveri tagħhom. | Triq Gorg Borg Olivier |
| 03.11.03 | Dwar il-problema li hemm bl-ingombru tal-irħam skjerat f'Bieb ir-Ruwa, intqal illi dan jinħtieġ li jneħħi kollox mit-triq għaliex hu ta' periklu. Għaldaqstant, l-ewwel pass se jkun illi ninfurmaw uffiċjalment il-Pulizija tal-Komunità kif ukoll lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jieħdu l-passi li jidhrilhom xierqa. | Irħam fi Triq Bieb ir-Ruwa |
| 03.11.04 | Dwar il-problema tar-rampa fil-Ġnien Bir Iljun, se nkunu qed niddiskutu mal-Perit tal-*Public Works* biex naraw jekk tistax titbaxxa – cioe' titwitta' biex ma tibqax wieqfa. | Rampa fi Ġnien Bir Iljun |
| 03.11.05 | Is-Sa Charmaine Balzan tkellmet dwar ħarġa li se tkun organizzata għat-tfal fl-Esplora. Minn għada jista' jitla l-*poster* biex din tkun promossa. | Ħarġa fl-Esplora |
| 03.11.06 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona li tinkesa parti fil-Kunċizzjoni bil-cold asphalt. Hu ressaq stima ta' €3,100 u din għaddiet unanimament. | Kisi ta' triq fil-Kunċizzjoni |
| 03.11.07 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona :<br>Tranġar ta' bankini fi:<br>Triq Francesco Azopardi<br>Triq tal-Virtù<br>Triq Godwin Ganado<br>Triq Pietru Caxaru<br>Triq il-Buskett (biex issir bil-lava)<br>Belveder ta' wara l-Kastell tal-Virtù - issir zewg filati bricks u kurduna tal-lava biex jitħawwlu s-siġar, tliet bankijiet u żewġ litter bins.<br><br>Ħajt tas-Sejjiegħ fi<br>Triq Fra Ludovico Savoye<br><br>Triq bit-Tarmac:<br>Triq Fra Ludovico Savoye<br><br>Bdil ta' Kurduna<br>Triq Carlo Flamigo, Tal-Virtù<br><br>Fence bil-poles biex jikbru miegħu ix-xtieli:<br>Triq Godwin Ganado | |

| | | |
|---|---|---|
| | Tindif u tranġar:<br>Triq il-Buskett fin-Niżla biex issir filata u jitħawwlu fjuri<br><br>Biex jinħareġ it-tender tal-qtugħ tal-ħaxix ħażin | |
| 03.11.08 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal li kellu talba dwar tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq it-Tiġrija. Hawn il-KLR irrifjuta din it-talba peress li bħal issa it-temperaturi huma għoljin u dawn it-tiġrijiet mhux se jsiru bil-lejl. | Tiġrijiet taż-Żwiemel. |

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 18.9.24 minn Sandro Craus

Segretarju Ezekuttiv Sindku